MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1095/2013

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Bolin Construction Limited**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-13 ta' Novembru 2013, HSBC qieghed jitlob il-hlas ta' tlett miljuni mitejn u disgha u erbghin elf u tlieta u disghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€3,249,093.26) in kwantu ghal €1,855,039.41 self (Loan Account 043-000553-300 qabel numru 438002189) u s-somma ta' €1,394,053.85 imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont sat-28 ta' Marzu 2013.

Ghalkemm mill-atti jidher li l-konvenuta giet notifikata, hadd ma deher ghaliha.

Fis-seduta tal-lum xehedet il-Prokuratur Legali Catherine Fenech li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Mill-atti jirrizulta li b'kuntratt tal-20 ta' Dicembru 1995 pubblikat min-nutar Dr Carmel Mangion (fol. 7), il-konvenuta nghatat self fl-ammont ta' seba' mitt elf liri Maltin (Lm700,000). L-attrici pprezentat ukoll rendikont (fol. 506).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut thallas lil HSBC Bank Malta plc is-somma ta' tlett miljuni mitejn u disgha u erbghin elf u tlieta u disghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€3,249,093.26), in kwantu ghal €1,855,039.41 self (Loan Account 043-000553-300 qabel numru 4380002189) u s-somma ta' €1,394,053.85 imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont sat-28 ta' Marzu 2013. Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------